KAPITOLU 81

ATT DWAR IR-REGOLAMENT TA' ĊERTI XOGĦLIJIET F'UTILITAJIET U SERVIZZI

Sostitwit: XXIII.2000.30.

Biex jirregola ċerti xogħlijiet konnessi ma' l-utilitajiet u servizzi oħra.

7 ta' Awissu, 1934

L-ORDINANZA XXIII tal-1934, kif emendata bl-Ordinanza XLV tal-1935; bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 296 tal-1939; bl-Ordinanza XX tal-1961; bl-Avviż Legali 4 tal-1963; bl-Atti: XXIV tal-1963, XXIV tal-1966, XVI tal-1975; bl-Avviż Legali 148 tal-1975; bl-Atti: XI tal-1977, XII tal-1991, XXXIII tal-1997, XXIII tal-2000 u VII tal-2004; bl-Avviż Legali 408 tal-2007; bl-Atti XV tal-2009 u IX tal-2011; u bl-Avviż Legali 180 tal-2012.

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att dwar ir-Regolament ta' Ċerti Xogħlijiet f'Utilitajiet u Servizzi.

Titolu fil-qosor. *Sostitwit: XXIII.2000.30.*

2. F'dan l-Att -

Tifsir. *Emendat: XLV. 1935.2. Ara Not. tal-Gvern Nru. 296 tat-3 ta' Luiju, 1939. XX. 1961.17; A.L. 4 tal-1963; XXIV. 1963.45; XXIV. 1966.14; XVI. 1975.50; XII. 1991.42; XXXIII. 1997.44. Sostitwit: XXIII. 2000.30. Emendat: VII. 2004.41; A.L. 180 tal-2012.*

"fond" tfisser kull fond u tinkludi kull triq, mogħdija, bini jew ilma;

"Ministru" tfisser, ħlief għall-għanijiet tal-artikolu 11, il-Ministru responsabbli għall-enerġija jew il-Ministru responsabbli għat-telekomunikazzjonijiet, hekk kif jista' jkun il-każ;

"*networks* ta' enerġija elettrika u komunikazzjonijiet elettroniċi" tinkludi kull enerġija elettrika jew linja ta' komunikazzjoni jew strument, ikunu kif ikunu deskritti, użati għall-provvista tal-enerġija jew għal komunikazzjonijiet elettroniċi;

"*networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" u "servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" għandu rispettivament ikollhom l-istess tifsiriet bħalma għandhom taħt l-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi; Kap. 399.

"Regolatur", għar-rigward ta' xi utilità jew servizz, tfisser -

(*a*) fil-każ ta' xogħlijiet konnessi mal-fornitura ta' enerġija, il-persuna jew l-awtorità maħtura bħala dak ir-regolatur mill-Ministru;

(*b*) fil-każ ta' xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu ma' xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni kif mwaqqfa taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità dwar il-Komunikazzjoni; Kap. 418.

(*ċ*) fil-każ ta' xogħlijiet konnessi ma' xi servizzi oħra, il-persuna jew l-awtorità maħtura mill-Ministru bħala regolatur dwar dak is-servizz jew grupp ta' servizzi;

"sid" tfisser ukoll detentur u utent;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva. Kap. 490.

Skop tal-Att.
Sostitwit: XXIII. 2000.30. Emendat: VII. 2004.42.

3. L-impjant tan-networks ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tal-enerġija elettrika u tat-telegrafu f'Malta u ta' kull servizz ieħor li dwaru jinħatar Regolatur taħt dan l-Att għandu jigi regolat mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

Setgħa tal-Awtorità ġhat-Trasport f'Malta.
Emendat: A.L. 4 tal-1963; XI. 1977.2. Sostitwit: XXIII. 2000.30. Emendat: VII. 2004.43; XV. 2009.49; IX. 2011.62; A.L. 180 tal-2012.

4. (1) Għall-finijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità ġhat-Trasport f'Malta tista' tordna li jiġu mqiegħda gumni u fili jew isiru xogħlijiet oħra minn taħt jew minn fuq fond jew mal-ġnub tiegħu u illi trinek, fosos, arbli, ventijiet, brazzijiet u l-aċċessorji l-oħra kollha meħtiega sabiex jinħadmu tajjeb is-sistemi tal-enerġija elettrika u tat-telekomunikazzjoni, jiġu mħaffra, imqiegħda, imwaqqfa jew imwaħħla ma' fond; u kull ordni bħal dak għandu jiġi notifikat lil sid il-fond mill-inqas ġhaxart ijiem qabel ma jinbeda wieħed jew ieħor mix-xogħlijiet hawn fuq imsemmija.

(2) L-Awtorità ġhat-Trasport f'Malta tista', wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, wkoll tordna t-tqegħid flimkien jew l-użu tal-istess faċilitajiet dwar xi gumni, fili u aċċessorji oħra li jintużaw jew li jkunu se jintużaw għall-provdiment ta' xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew xi utilitajiet jew servizzi oħra minn provditur ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bħal dak jew utilitajiet jew servizzi oħra f'xi trinek, fosos, kanali jew fuq arbli, ventijiet jew brazzijiet, imħaffra, mqiegħda, mwaqqfa jew imwaħħla minn provditur ieħor ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew ta' utilitajiet jew servizzi oħra; u kull ordni bħal dak għandu jiġi notifikat lill-provditur li jkun waqqaf jew waħħal il-faċilitajiet li se jkunu s-suġġett tat-tqegħid flimkien jew li jkunu se jintużaw, mill-inqas ġhaxart ijiem qabel ma jibdew isiru x-xogħlijiet hawn aktar qabel imsemmija:

Iżda l-Awtorità ġhat-Trasport f'Malta ġhandha qabel ma toħroġ ordni taħt dan is-subartikolu, tagħti opportunità raġonevoli lill-partijiet kollha interessati jesprimu l-veduti tagħhom.

(3) Ordni li jsir taħt is-subartikolu (1) jew (2) ġhandu jkollu seħħ minnufih malli jiskadi l-ġhaxar jum wara li dan jiġi notifikat; u min jirċievi l-ordni ġhandu malli dan, ġhal kollox, minnufih u kif dovut jimplimentah jew inkella jippermetti l-implementazzjoni sħiħa, immedjata jew kif dovuta tiegħu u ġhandu jżomm milli jikkaġuna jew ikompli jikkaġuna xi impediment jew ostaklu ġhal dik l-implementazzjoni:

Iżda l-implementazzjoni ta' ordni li jsir taħt is-subartikolu (2) ma ġhandux jiġi mfixkel, ristrett jew imdewwem minħabba f'xi talba ġhal ħlasijiet li ssir minn min jirċievi dak l-ordni konformi ma' dak li hemm fis-subartikolu (4).

(4) Min jirċievi ordni li jsir taħt is-subartikolu (2) jkun jista' jitlob ħlas ġhat-tqegħid flimkien f'xi post, jew ġhall-użu tal-faċilitajiet imwaqqfa jew imwaħħla minnha b'dawk ir-rati li jiġu msejsa fuq spejjeż relevanti raġonevoli. L-ispejjeż ġhat-tqegħid flimkien jew l-użu tal-istess faċilitajiet ġhandhom ikunu *cost-oriented* u ma ġhandhomx jinkludu spejjeż ġhal *overheads* bħalma hu t-tqegħid fis-suq, persunal jew spejjeż ta' manutenzjoni, ħlief dawk li jsiru direttament dwar il-faċilitajiet użati.

(5) Min jirċievi ordni li jsir taħt is-subartikolu (2) għandu jissottometti l-ispejjeż tiegħu lill-provditur li jkun qed jagħmel it-tqegħid flimkien jew ikun qed jagħmel użu mill-faċilitajiet imwaqqfa jew imwaħħla minn min ikun irċieva l-ordni fi żmien tletin jum mill-bidu tat-tqegħid flimkien jew tal-użu kif hawn aktar qabel imsemmi. Jekk il-provditur li jkun qed jagħmel it-tqegħid flimkien jew ikun qed jagħmel użu bħal dak ma jaqbilx ma' dawk l-ispejjeż huwa jista', fi żmien tletin jum minn meta jirċievi dak l-ordni, jirreferi l-kwistjoni lir-Regolatur.

(6) Malli jirċievi xi referenza kif hawn aktar qabel imsemmi, ir-Regolatur għandu javża lill-partijiet involuti li l-kwistjoni tkun qed tiġi investigata, filwaqt li jippermettilhom żmien raġonevoli sa meta jipproduċu informazzjoni relevanti u jġibu provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom. Ir-Regolatur għandu, wara li jeżamina l-fatti u s-sottomissjonijiet li jinġiebu quddiemu u kull informazzjoni oħra bħal dik li huwa jista' jitlob, jistabbilixxi l-ħlasijiet dovuti lil min jirċievi dik l-ordni magħmula taħt is-subartikolu (2):

Iżda fejn issir riferenza minn provditur ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, għal xogħlijiet li jirrigwardaw dak is-servizz, il-Regolatur għandu japplika d-disposizzjonijiet tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi fuq ir-riżolviment tat-tilwim. Kap. 399.

(7) Ir-Regolatur jista', wara li jsirlu rikors minn min jirċievi ordni magħmul taħt is-subartikolu (2), jordna lill-persuna li tkun permessa tagħmel it-tqegħid flimkien jew li tagħmel użu mill-faċilitajiet imwaqqfa jew imwaħħla minn min jirċievi dak l-ordni, li jipprovdi garanzija għall-pagament tal-ħlasijiet dovuti taħt dawn il-provvedimenti għar-rigward ta' dak it-tqegħid flimkien jew użu f'somma u b'dak il-mod skont kif jista' jiġi stabbilit mir-Regolatur.

(8) F'kull waqt meta l-membri tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta ma jkunux maħtura, is-setgħat tal-Awtorità taħt dan l-artikolu għandhom jiġu eżrċitati mill-Ministru responsabbli għat-trasport.

(9) Sabiex jiġu spezzjonati, ippruvati u miżmuma fi stat tajjeb ta' tiswija x-xogħlijiet magħmula taħt dan l-artikolu, għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikolu 471 tal-Kodici Ċivili. Kap. 12.

(10) L-Awtorità għat-Trasport f'Malta fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-artikolu, skont ma dawn ikunu jirrelataw ma' xogħlijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' komunikazzjonijiet elettroniċi, għandha:

(*a*) taġixxi abbażi ta' proċeduri sempliċi, effiċjenti, trasparenti u pubblikament disponibbli, li jiġu applikati mingħajr ebda diskriminazzjoni u dewmien, u għandha f'kull każ tiddeċiedi fi żmien sitt xhur mid-data tal-applikazzjoni;

(*b*) issegwi l-prinċipji ta' trasparenza u li ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni meta żżid kondizzjonijiet ma' xi drittijiet li tista' tkun qed tagħti lil xi provditur ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi; u

(*ċ*) tagħti r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha:

Iżda l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandha, dwar kull dritt li tista' tkun awtorizzata timponi b'dan l-Att jew taħtu dwar ix-xogħlijiet, tiżgura li dawk id-drittijiet ikunu oġġettivament ġustifikati, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati dwar l-għan intiż tagħhom:

Iżda wkoll l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandha, dwar emendi li tista' tqis li tagħmel għal xi dritt, kondizzjoni u proċedura li jkollha x'taqsam ma dawk ix-xogħlijiet, tiżgura li kull emenda bħal dik issir biss f'każijiet oġġettivament ġustifikati u b'mod proporzjonat. Qabel tagħmel xi emenda bħal dik l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandha tagħti avviż b'dak il-mod li tqis li jkun adatt għall-ħsieb li jkollha, fejn tistieden lill-partijiet li jkollhom interess inklużi utenti u konsumaturi, jagħmlu sottomissjonijiet fuq l-emendi proposti f'dak iż-żmien ta' mhux inqas minn tletin ġurnata skont ma jista' jiġi speċifikat fl-avviż. L-Awtorità għat-Trasport f'Malta tista' fiċ-ċirkostanzi li hija tqis li jkunu eċċezzjonali, tqassar dak il-perjodu.

(11) Persuna li tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizzi jew faċilitajiet assoċjati u li tħoss ruħha aggravata b'xi deċiżjoni meħuda taħt dan l-artikolu mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew mir-Regolatur dwar xogħlijiet li jkollhom x'jaqsmu ma' komunikazzjonijiet elettroniċi, tista', wara li tkun eżawriet ir-rimedju li hemm provdut dwarha fis-subartikoli (5) u (6) fejn dan japplika, tappella quddiem it-Tribunal:

Iżda meta dik il-persuna tkun qed tagħmel l-appell tagħha hija għandha wkoll tispjega x'interess ġuridiku jkollha filli tikkontesta d-deċiżjoni li jkun qed isir appell minnha:

Iżda wkoll l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni għandha wkoll tiġi notifikata b'kull appell ippreżentat taħt dan is-subartikolu u jkollha jedd tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha dwar dan.

Kap. 418.

Id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VIII tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità dwar il-Komunikazzjoni, li jkollhom x'jaqsmu mas-smigħ ta' appelli mit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva minn deċiżjonijiet tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal appelli ppreżentati taħt dan l-artikolu.

Indennizz.
Emendat: A.L. 148 tal-1975; XXIII.2000.30.

5. Meta x-xogħlijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan jagħmlu ħsara lil fond jew jikkaġunaw inkonvenjent lil sid il-fond, dan is-sid jista', fi żmien tliet xhur minn dak inhar li jitlestew dawk ix-xogħlijiet, jagħmel rikors lill-Qorti tal-Appell għal-likwidazzjoni tal-indennizz li jista' jkun imiss għal dik il-ħsara jew inkonvenjent:

Każijiet li għalihom m'hemmx indennizz.

Iżda -

(*a*) ma jitqiesx illi s-sid bata ħsara jew inkonvenjent illi jagħtuh jedd għal indennizz minħabba li gumna, fil jew aċċessorju meħtieġ ieħor ikunu mqiegħda, imwaqqfa jew imwaħħla taħt jew fuq fond jew mal-ġnieb tiegħu jekk il-gumna, fil jew aċċessorju ieħor ma jkunu jikkaġunaw ebda inkonvenjent, jew jekk il-

gumna, fil jew aċċessorju ieħor ikunu mgħoddija minn fuq fond f'għoli ta' mhux anqas minn erbgħa metri u nofs mill-wiċċ tiegħu, jew, fil-każ ta' bini, f'għoli ta' mhux anqas minn tliet metri mil-livell tal-bejt;

(*b*) m'hemm ebda jedd għal indennizz minħabba l-fatt biss illi gumna jew fil jiġu mgħoddija fi qrib ħafna ta' bini jew jiġu poġġuti fuq brazz imwaħħal ma' ħajt ta' bini, jew li arblu jew vent jiġi mwaħħal fil-parti ta' fuq ta' dan il-ħajt sabiex jiġu mwaħħla miegħu gumni jew fili fil-għoli li jmiss, jekk, fil-każ il-wieħed jew l-ieħor, dawk il-gumni jew fili ma jkunux jagħmlu ħsejjes li jistgħu jinsemgħu sewwa minn ġewwa bini bil-bibien u t-twieqi miftuħa, jew ma jkunux jikkaġunaw inkonvenjent ieħor;

(*ċ*) m'hemm ebda jedd għal indennizz minħabba l-fatt biss illi xi arblu jew arbli jew xi appoġġi oħra jiġu mwaqqfa f'fond, jew f'għalqa jew f'sit ieħor, jekk il-bogħod bejn l-arbli jew l-appoġġi ma jkunx anqas minn sitta u tletin metru u nofs, u ebda arblu jew appoġġ ma jkun jieħu iżjed minn mija u sittin ċentimetru kwadru mill-art.

Meta sid il-fond jista' jitlob li l-mogħdija li tkun sejra ssir tiġi mdawra għal band'oħra.
Emendat: A.L. 148 tal-1975; XXIII. 2000.30.

6. (1) Is-sid ta' fond milqut b'ordni magħmul taħt l-artikolu 4 jista', fi żmien tmint ijiem mid-data ta' dak l-ordni, jitlob lir-regolatur kompetenti li l-mogħdija tal-gumna jew tal-fili, li tkun sejra ssir, tiġi mdawra għal band'oħra b'mod li ma jkunx hemm bżonn ta' tħaffir, tqegħid, twaqqif jew twaħħil ta' trinek, gumni, fili, arbli, ventijiet, brazzijiet, jew aċċessorji meħtieġa oħra, ġewwa, fuq jew minn fuq il-fond.

(2) Din it-talba tiġi milqugħa kemm-il darba -

(*a*) dik il-mogħdija, meta tiġi mdawra għal band'oħra, tkun tajba daqs il-mogħdija kif kienet sejra ssir u ma tkun għal ebda raġuni iżjed mill-oħra suġġetta għal ħsara; u

(*b*) il-mogħdija, meta tiġi mdawra għal band'oħra, ma taffettwax proprjetà oħra jew ma tkunx tagħti jedd għal indennizz taħt l-artikolu 5; u

(*ċ*) il-mogħdija meta tiġi hekk imdawra għal band'oħra ma tikkaġunax lir-regolatur kompetenti spiża akbar sew fil-kostruzzjoni oriġinali kemm wara fit-tiswijiet tagħha u sabiex tinżamm fi stat tajjeb.

(3) Kull min jidhirlu li huwa aggravat bid-deċiżjoni tar-regolatur jista', b'rikors, jappella minn dik id-deċiżjoni, lill-Qorti tal-Appell.

Meta sid il-fond jista' jitlob li jitneħħew gumni, eċċ.
Emendat: XXIII. 2000.30.

7. Is-sid ta' fond li ġewwa fih, minn fuqu jew fuqu jkun hemm gumna, fil, arblu, vent, brazz jew aċċessorju meħtieġ ieħor, illi jiddikjara bil-ġurament quddiem maġistrat illi hu bi ħsiebu jagħmel tibdil fil-fond u li dan it-tibdil ma' jistax isir mingħajr ma jitneħħew għal xi żmien jew għal dejjem il-gumna, il-fil, l-arblu, il-vent, il-brazz jew aċċessorju meħtieġ ieħor, inkella jekk ma tiġix imbiddla l-posizzjoni tal-gumna, fil, arblu, vent, brazz jew

aċċessorju meħtieġ ieħor, jista' jitlob li dawn ix-xogħlijiet jiġu għal xi żmien jew għal dejjem imneħħija jew li l-posizzjoni tagħhom tiġi mbiddla, għad illi s-sid ikun ta l-kunsens tiegħu għall-esekuzzjoni ta' dawk ix-xogħlijiet jew ikun irċieva indennizz taħt dan l-Att:

Iżda s-sid għandu, f'kull każ, jagħti qabel avviż ta' tliet xhur li bi ħsiebu jagħmel tibdil fil-fond kif jingħad hawn fuq, u għandu wkoll irodd kull indennizz illi hu jkun irċieva.

Xogħlijiet magħmulin qabel ma beda jseħħ dan l-Att.

8. Ix-xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-impjant tas-sistemi ta' komunikazzjoni tal-elettriku u tat-telegrafu u li, qabel ma beda jseħħ dan l-Att, ikunu saru ġewwa, minn fuq jew fuq fond, mingħajr protesta ta' sid il-fond, jitqiesu li saru bil-kunsens tas-sid u ma jagħtux lil sid il-fond ebda jedd għal indennizz, għalkemm id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ma jkunux ġew imħarsa.

Piena għal min ifixkel.
Emendat: XXIII. 2000.30; A.L. 408 tal-2007.

9. Kull min ma jħallix jew ifixkel persuna awtorizzata li tidħol f'fond fl-esekuzzjoni tad-dmirijiet tagħha taħt dan l-Att, jeħel, meta jinsab ħati, multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew il-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn xahar jew il-piena tal-multa u tal-priġunerija flimkien.

Piena għal ħsara volontarja f'xogħlijiet.
Emendat: XXIII. 2000.30; A.L. 408 tal-2007.

10. Kull min volontarjament imiss jew jagħmel ħsara lil xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu ma' l-impjant tas-sistemi ta' komunikazzjoni tal-elettriku u tat-telegrafu f'Malta, jeħel multa ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94) jew il-priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew il-piena tal-multa u tal-priġunerija flimkien:

Iżda xejn f'dan l-Att ma jimpedixxi l-eżerċizzju ta' kull azzjoni oħra taħt kull liġi oħra, basta li l-persuna ma tiġix ikkundannata darbtejn għall-istess reat.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.
Emendat: A.L. 4 tal-1963; XI. 1977.2; XXIII. 2000.30; VII. 2004.44; XV. 2009.49.

11. Il-Ministru responsabbli għat-trasport bil-parir tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta jista' jagħmel u, wara li jagħmel, ibiddel jew iħassar regolamenti li jipprovdu għal kull ħaġa li għandha x'taqsam mad-drittijiet ta' passaġġ inklużi l-ħlasijiet li jistgħu jiġu mitluba għal xi drittijiet bħal dawn, u li jistabbilixxu l-mod li bih trinka, fossa, arblu, vent, brazz jew aċċessorju meħtieġ ieħor li jkollhom x'jaqsmu ma' l-impjant tas-sistemi ta' komunikazzjoni tal-elettriku u tat-telegrafu f'Malta għandhom jiġu mħaffra, imqiegħda, imwaqqfa jew imwaħħla, u in ġenerali, sabiex jinħadmu tajjeb dawn is-sistemi u sabiex tingħata esekuzzjoni lil dan l-Att.

Pieni għal min jikser ir-regolamenti.
Emendat: XXIII. 2000.30; A.L. 408 tal-2007.

12. Kull min jikser jew jonqos li jesegwixxi xi regolament magħmul taħt dan l-Att jeħel multa ta' mhux iżjed minn sitta u erbgħin euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (46.59).

Jistgħu jinġabru ħlasijiet.
Miżjud: XXIII. 2000.30. Emendat: XV. 2009.49.

13. Meta jitqiegħdu gumni jew fili jew isiru xogħlijiet oħra minn taħt, minn fuq jew mal-ġenb ta' xi triq, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta għandha s-setgħa li tiġbor dawk il-ħlasijiet għal kull biċċa art li taħt xi liġi tkun vestita fl-Awtorità għat-Trasport f'Malta u li tintmiss minn, jew tiġi okkupata b'dawk ix-xogħlijiet, kif jista' jiġi stabbilit minn żmien għal żmien b'regolamenti magħmulin mill-Ministru skont l-artikolu 11.